# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Hamis 26 ta’ April, 2001 .

### Avviz numru : 5/01G2(PC)

**J. Saliba Enterprises Limited .**

**Vs**

**Joseph Mercieca .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigu kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u disgha u erbghin lira Maltija u sitta u hamsin centezmu (LM949.56) prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut mis-socjeta’ attrici, kif ukoll li jigi kundannat ihallas lill-istess socjeta’ attrici din l-istess somma bl-interessi fuq din is-somma b’effett mis-27 ta’ Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2001 kontra tieghu, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tal-istess konvenut .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut illi ggib id-data tal-ewwel (1) ta’ Marzu, 2001 .**

**Innutat illi l-konvenut assistit minn Dr. Anton Refalo qed jikkontesta it-talba attrici bhala li hi nfondata fid-dritt u fil-fatt peress illi hu mhux debitur lejn is-socjeta’ attrici ghall-ebda ammont ta' flus; u fi kwalunkwe kaz l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (b) u 2156 (f) tal-Kodici Civili .**

**Innutat ukoll illi aktar tard Dr. Anton Refalo ghall-konvenut ammetta t-talbiet attrici pero’ talab zmien ghal hlas .**

**Dr. Carmelo Galea ghall-atturi jaqbel li jkollu terminu ta’ xahrejn ghal hlas .**

**Il-Qorti, in vista ta' din l-ammissjoni, tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija, disgha u erbghin lira maltin u sitta u hamsin centezmu (LM949.56), prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu mis-socjeta' attrici, bl-interess fuq din is-somma b'effett mis-27 ta' Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Jannar, 2001, kollox kontra l-konvenut . Il-Qorti, bi qbil bejn il-partijiet, tipprefiggi terminu ghal hlas ta' xahrejn mil-lum .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

S501Pc
317